# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar t-2 ta' Diċembru 2024

**Rik. Gur. Nru.: 4/2020JPG**

**Kawza Numru : 20**

**JV**

**Vs**

**JD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JV datat 8 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldet il-minuri MV nhar id-X u li ghalhekk illum ghandha X-il sena;*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet intemmet ftit wara t-twelid tal-minuri;*

3. *Illi ghal snin shah, il-minuri effettivament kienet fil-kura tal-esponenti u ta' familtu u kienu l-istess li primarjament ipprovdew ghall-bzonnijiet tal-minuri. Jinghad izda li l-intimata regaolarment kellha access ghall-minuri matul dan il-perjodu;*

4. *Illi t-tifla eventwalment uriet ix-xewqa li tibda tirresjedi ma' ommha u di fatti hekk sehh meta kellha X snin. Minkejja t-trapass ta' numru ta' snin, f'dak iz-*

*zmien il-partijiet kien ghad ma kellhomx kuntratt jew sentenza li tirregola d-drittijiet u l-obbligi taghhom versu l-minuri;*

5. *Illi l-partijiet ma setghux jilhqu ftehim u sussegwentement l-intimata fethet kawza fil-konfront tal-esponenti dwar kura u kustodja, access u manteniment versu l-minuri, u cioe' l-kawza fl-ismijiet JD pro. et noe. Vs JV (Rik Gur 190/2017RGM);*

6. *Illi l-esponenti gie dikjarat kontumaci f'dawk il-proceduri u ghalhekk il-partecipazzjoni tieghu fiha kienet limitata u konsegwentement dik il-Qorti strahet biss fuq il-provi li gabet l-intimata (attrici f'dik il-kawza);*

7. *Illi ghal minuri ta' snin inkluz ghal matul il-kawza, l-esponent kien jahdem fil-fabbrika tal-M fejn kellu paga tajba, tant li fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2018 fejn, fost affarijiet ohra, l-esponenti gie kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) kull xahar bhala mantneiment ghall-minuri li jinkludi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni kollha hlief dawk ta' sahha straordinarji, apparti li gie kkundannat ihallas is-somma ta' erbatax-il elf u mitejn Ewro (€14,200) rapprezentanti arretrati ta' manteniment (ara sentenza hawn annessa u mmarkata Dok 'A');*

8. *Illi sa dak inhar li nghatat is-sentenza, l-esponenti kien ordnat li jhallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull xahar apparti l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;*

9. *Illi gara li l-esponenenti titlef l-impjieg tieghu u huwa mill-ewwel ha hsieb sabiex ifittex, u effettivament sab xoghol iehor mal-kumpanija K Limited, madankollu u kif ser jirrizulta li l-paga tieghu hi ferm inqas minn dik li huwa kellu mal-M;*

10. *Illi ghalhekk illum l-esponent jinsab fl-impossibilità finanzjarja li jhallas il-manteniment ordnat fis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2018. L-esponent ipprova jilhaq kompremess mal-intimata f'dan ir-rigward u anke fetah proceduri ta' medjazzioni ghal dan I-ghan, izda l-intimata, minkejja li mhux biss taf mid-diffikultajiet finanzjarji kbar li ghaddej minnhom l-esponent, mhux*

*biss kienet intransigent, izda lanqas biss dehret ghas-seduti ta' medjazzioni u dan kif ser jigi ppruvat fil-kawza.*

11. *Illi l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Novembru 2019 (ara digriet, hawn anness u mmarkat Dok. 'B'). Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din I-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponenti inbiddlu sostanzjalment, tant li llum jinsab fl-impossibilità li jhallas il-manteniment likwidat fis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet JD pro. et noe. vs. JV (190/2017 (RGM)];*

*2. Konsegwentement tistabillixxi retta alimentarja gdida inqas oneruza minn dik stabbilita minn din il-Qorti fis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet JD pro. et noe. vs. JV [190/2017 (RGM)] u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, u dan b'effett mid-data li nfethet il-medjazzioni 742/19 ossia, mill-5 ta' Gunju 2019.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2020 (Vide Fol 26);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' JD, datata 3 ta' Marzu 2021, a fol 37A et seqq., li taqra hekk:

***<u>Eċċezzjonijiet</u>:***

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, peress illi l-manteniment ddeterminat mill-*

*Onor. Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tas-sentenza tat-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) Rikors Ġuramentat Numru 190/2017 RM fl-ismijiet JD pro et noe vs JV, għall-minuri MV huwa wieħed ġust, u jimmerita li jerġa' jkun kkonfermat minn din l-Onor. Qorti.*

2. *Illi minkejja l-imsemmija sentenza tat-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) illi ordnat lir-rikorrenti sabiex iħallas is-somma ta' Eur350 fix-xahar bħala retta alimentari għall-bintu MV, liema somma tinkludi sehemu għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' bintu, ir-rikorrent **għall-ebda xahar qatt** ma onora tali ordni, stante illi huwa baqa' jħallas is-somma ta' Eur200, b'mod sparodiku għall-aħħar, u kif ifettilu. Hemm xhur fejn ma sar l-ebda ħlas ta' manteniment. L-esponenti għamlet xi rapporti mal-uffiċċjali tal-Pulizija f'dan ir-rigward.*

3. *Illi s-sentenza immsemmija kkundannat wkoll lil JV iħallas lill-esponenti s-somma ta' €14,200, rapprezentanti arretrati ta' manteniment għall-bintu MV, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. Dan id-debitu għadu kollu dovut lill-esponenti, minkejja l-intavalar ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u minkejja illi wieħed mis-sekwestratarji huwa l-employer preżenti tar-rikorrent, **qatt** ma sar depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti.*

4. *Salv' eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

*Bl-Ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attur qiegħed jitlob li jiġi ridott l-*quantum* tal-manteniment li hu ġie ordnat iħallas għall-bżonnijiet ta' bintu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta u dan minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tiegħu.

**Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:**

L-attur xehed f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit li ġie ppreżentat tardivament wara l-gheluq tal-provi tieghu izda inghata l-opportunita' li jipprezentah stante li ma kienx hemm oggezzjoni minn naha tal-intimata.

Fl-affidavit tiegħu (fol. 197), l-attur xehed illi l-partijiet kienu f'relazzjoni sakemm binthom kellha madwar sena u nofs. Wara li temmew ir-relazzjoni taghom, l-intimata omm kellha impjieg fejn għal tlett ijiem fil-gimgha kienet tahdem filghaxija. Wara xahar zidiethom ghal hamest ijiem. Il-minuri bdiet torqod ghand l-attur u kienet ommu, ċjoe n-nanna paterna li kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri, inkluż li twassalha l-iskola u l-mużew. Sabiex jaghtu rutina stabbli lill-minuri, kienu ftehmu li l-minuri tmur ghand l-intimata fi tmiem-il gimgha u xi drabi fost il-gimgha. Ghall-attur, l-intimata kienet komda b'dan l-arrangament ghaliex kellha hafna liberta. Filfatt gieli anke hallietha ma' zijitha sabiex tkun tista' tohrog u tiddeverti.
L-attur jghid kif dan l-arrangament baqa' ghaddej sakemm il-minuri kellha madwar ghaxar snin u matul dawn is-snin, l-ispejjez kollha tal-minuri kien ihallashom kollha hu minghajr ma qatt talab xejn lill-intimata. Madanakollu l-beneficcji socjali relatati ma' minuri kienet tircievihom l-omm.
Skont l-attur, meta l-minuri kellha madwar ghaxar snin, bdiet turi x-xewqa li tqatta' aktar hin m'ommha u hu kien indirizza din ix-xewqa mal-intimata. L-intimata ma ridetx li jinbidel l-arrangament ta' bejniethom u ghalhekk sabiex jaghmel ftit pressjoni fuq l-omm, l-intimat kien qalilha li ma kienx se jzommha aktar lill-minuri. Bi tpattija, l-intimata kienet ipprocediet bil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja fejn talbet manteniment ghal ghaxar snin. L-attur kien hadha bi kbira stante li kien hu li kien mantna lill-minuri matul is-snin precedenti u hallas ghall-ispejjez kollha tal-minuri. Huwa kien qabel li jibda jhallas mitejn euro (€200) fix-xahar izda mhux aktar. Jghid

illi dak iz-zmien kellu paga tajba ghax kien jahdem ma' M Limited. Gara pero illi f'Novembru 2018 huwa kien mar fil-karozza tieghu waqt waqfa tieghu izda kienet marret ghajnejh bih. Kienu qajmuh s-supervizur tieghu u l-Kap tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani. Kien gie sospiz minhabba li kien rieqed waqt il-hin tax-xoghol u wara gie mgieghel jirrizenja. Jghid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Familja kienet ikalkulat l-*quantum* tal-manteniment fuq l-introjtu li kellu dak iz-zmien mal-M iżda li kien ghadu kemm tilef.

Jghid illi hu ghandu tifel iehor u ghalhekk bejn iz-zewg manteniment, l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru li gie ntavolat kontrih ghall-arretrati tal-manteniment, huwa jifdallu biss madwar mitt euro (€100) kull hmistax biex jghix. Jghid li ma jistax ilahhaq u kampa matul dan iz-zmien bl-ghajnuna ta' ommu.

L-attur jishaq li huwa ngust li l-manteniment gie kalkulat fuq l-introjtu li kellu qabel u li gie ordnat ihallas ammont ta' manteniment li ma jiflahx ghalih.

In kontroeżami (fol. 214 et seq.) **l-attur jammetti li kien hemm sena u nofs wara li ntemmet ir-relazzjoni tal-partijiet fejn hu ma kienx imur jara lill-minuri u lanqas ihallas manteniment.** Meta bdiet tahdem l-intimata, it-tifla kienet tattendi *childcare* u kienet iżżommha omm l-attur. Dak iz-zmien ic-*childcare* ma kienitx b'xejn u l-intimata kienet thallas madwar mitt lira (£m100) fix-xahar u l-attur kien johrog nofshom. Kienu jhallsu dan l-ammont minhabba li kienet dahlet il-pika bejniethom. Jghid illi m'appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Familja tat-12 ta' Dicembru 2018 ghax ma kellux flus.

Jghid illi l-Qorti tal-Familja kienet iddeċidiet li jkollu access ta' darbtejn fil-gimgha u weekend fi hmistax izda kienu jgibu hafna skuzi ghalfejn il-minuri ma setghetx tmur. Il-minuri bdiet titlef il-muzew tant li kien hemm zmien lanqas kienu ser jhalluha taghmel il-Grizma u biex ma titlifiex, bdew iwassluha omm u missier l-attur.

**Meta l-attur ġie moqri messaġġ li kien bghatt hu fejn kien jghid li kien jaf li l-intimata kienet halset ghal kollox, l-attur jghid li ma jiftakarx jekk kienx bghatt dak il-messagg**. Mistoqsi fuq ircevuti**, l-attur jammetti li ircevuti qatt ma zamm u ghalhekk ma setghax jipprezentahom lanqas fl-ewwel kawza.**

Mistoqsi fuq il-hinijiet tax-xoghol tieghu, l-attur jghid illi huwa jahdem mis-7am sat-3.30pm u fis-sezzjoni tieghu m'ghandux possibilita' qawwija ta' sahra. Jghid illi

jekk ihallas l-ammont kollu ta' manteniment ghal bintu, ikun irid ihallas l-istess ammont ghal ibnu. L-attur ikkonferma li l-mandat ta' sekwestru kien tnehha minhabba li l-ammont kien gie mhallas fl-intier tieghu.
**Lill-minuri bint il-kontendenti ma jarahiex ta' kull gimgha imma jmorru jieklu flimkien darba fix-xahar.**

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tieghu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

1) *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar, in rappreżentanza ta' Jobsplus,* li ngħatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2021 (fol. 44) u li permezz tagħha ġew eżebiti rendikonti tal-impjieg tal-partijiet. Ir-rendikont tal-impjieg tal-intimata turi li l-aħħar impjieg li kellha l-intimata ġie terminat f'Awwissu 2018. **Ir-rendikont tal-impjieg tal-attur juri li huwa temm l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' M Ltd. f'Novembru 2018** u f'Diċembru tal-istess sena huwa beda jaħdem mas-soċjeta' K Company Limited u għadu jaħdem hemm sal-preżent.

2) *Ix-xhieda ta' Claudine Micallef, in rappreżentanza tal-M Ltd.* li ngħatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2021 (fol. 44) u li permezz tagħha ġew eżebiti (i) **ittra li biha rreżenja mill-impjieg l-attur (fol. 46)** u li jidher illi s-soċjeta' għażlet li tħallas lill-attur sabiex jieqaf mill-impjieg b'mod immedjat mingħajr ma' jaħdem il-perjodu tan-*notice* u dan **ix-xhud tgħid illi kien minħabba kwistjoni ta' dixxiplina** izda ma setghetx taghti dettalji (fol. 53D), (ii) l-FS3 tal-attur għas-sena 2018 li turi introjtu ta' sebgħa u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tletin **(€27,533),** (iii) *payslip* għax-xahar ta' Novembru 2018 li turi introjtu mensili ta' tlett elef u wieħed u għoxrin euro (€3,021).

3) *L-affidavit ta' RC, ossia omm it-tifel tal-attur, debitament maħluf nhar id-19 t'Ottubru 2021* (fol. 52) fejn tistqarr illi ghalkemm huma ma baqghux f'relazzjoni flimkien, dejjem ftehmu tant li lanqas ftehim bil-miktub ma kellhom bzonn. L-attur jivversa l-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar u jhallas ukoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni. Peress li x-xhud ma kienitx tahdem, gieli anke hallas l-ispejjez kollha hu.

4) *Ix-xhieda ta' Jonathan Farrugia, in rappreżentanza tal-K Company Limited* li ngħatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar is-7 ta' Novembru 2022 (fol. 76) u li permezz tagħha ġew eżebiti l-formola tal-bidu tal-impjieg tal-attur mas-soċjeta' rappreżentata kif ukoll erba' (4) *payslips* tal-attur. Għall-ewwel nofs ta' Ġunju 2022, l-attur qala' introjtu

ta' erba' mija, sebgħa u ħamrin euro u erbgħa u tletin ċentezmu **(€457.43).** Għat-tieni parti ta' Mejju 2022, l-attur kellu introju ta' erba' mija tmienja u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€458.34). Għall-ewwel parti tax-xahar ta' Mejju 2022, l-attur kellu introjtu ta' erba' mija sebgħa u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€457.34). Għat-tieni parti tax-xahar ta' April 2022 (fol. 74) l-attur kellu introju ta' erba' mija tmienja u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€458.34).

Ix-xhud xehed illi l-attur jitħallas permezz ta' ċekk wara li l-introjtu tiegħu jiġi ridott minħabba l-mandat ta' sekwestru. L-attur ma jaħdimx sahra, li kieku jaħdem dan ikun jirriżulta mill-*payslips* pero fil-*payslips* eżebiti mhemm l-ebda figura li tindika li din thalset ghal sahra li nhadmet mill-attur.

5) <u>*Ix-xhieda ta' Dr Alexia Aquilina fl-irwol ta' Assistant Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal*</u> (fol. 77) li nghatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar is-7 ta' Novembru 2022. Ix-xhud eżebixxiet kopja ta' ċedola ta' depożitu ntavolata mis-soċjeta K Company Limited li permezz taghha s-soċjeta' ddepozitat l-ammont ta' għaxart elef, hames mija tmienja u ghoxrin euro u sittin ċentezmu **(€10,528.60)** f'Lulju 2021 taht l-awtorita ta' din il-Qorti. Ġiet ezebita wkoll kopja ta' rikors ntavolat mill-konsulent legali li permezz tieghu talbet li tkun awtorizzatha tizbanka l-ammont depozitat liema talba ntlaqghet permezz tad-digriet moghti mill-Qorti nhar id-9 ta' Settembru 2021.

Ix-xhud eżebixxiet ukoll kopja oħra ta' cedola li saret mill-istess soċjeta' f'Settembru 2021 permezz ta' liema, is-soċjeta ddepożitat l-ammont ta' seba' mija tlieta u sittin euro u tlieta u tletin ċenteżmu **(€763.33)** taht l-awtorita ta' din il-Qorti.

Ix-xhud eżebixxiet kopja tal-mandat ta' sekwestru li ntalab joħroġ mill-intimata wara s-sentenza ta' din il-Qorti ta' nhar it-12 ta' Dicembru 2018.

<u>*Il-Verżjoni tal-Intimata u l-Provi Mresqa Minnu:*</u>

L-intimata ghazlet li tixhed permezz ta' affidavit debitament mahluf nhar l-24 ta' Mejju 2023 (fol 159). L-intimata ddikjarat li llum-il gurnata bint il-partijiet **ghandha X-il sena**, qieghda taghmel l-ezamijiet tal-matrikola **u wara tixtieq tkompli bl-istudji taghha gewwa l-MCAST.** L-intimata kkonferma illi s-sentenza tal-Qorti tal-Familja ta' nhar it-12 ta' Dicembru 2018 ordnat il-hlas komplessiv ta' manteniment ta' tlett mija u hamsin euro (€350) liema ammont jinkludi ukoll sehem l-attur mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

Waqt il-proċeduri li kienet intavolat l-intimata, l-attur kien ġie ordnat iħallas l-ammont ta' mitejn euro bħala manteniment kif ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Peress li matul ix-xhur kemm damu l-proceduri, l-attur ma kienx hallas sehmu mill-ispejjez iżda l-ammont biss tal-manteniment, il-Qorti kienet awmentat l-ammont sabiex ikopri ukoll l-ispejjeż. Aparti minn dan, suppost l-ammont tal-manteniment ghandu wkoll jawmenta skont l-indici tal-gholi tal-hajja izda din iz-zieda qatt ma thalset.
L-intimata xehdet illi thalli lil bintha fil-liberta' ghall-access ma missiera u tiftiehem hi ma' missierha. Madanakollu, MV tmur ghall-access meta tkun xi okkazzjoni biss. Il-minuri tattendi numru ta' lezzjonijiet privati bħala ghajnuna fil-preparazzjoni ghall-ezamijiet tal-Matrikola. Hija annettiet kopja tal-pagamenti li saru minnha ghal dawn il-lezzjonijiet.
L-intimata xehdet ukoll quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-4 t'Ottubru 2023. Waqt din id-depozizzjoni, l-intimata kkonfermat illi l-attur hallas il-manteniment permezz ta' flus kontanti li kien jibghathom mat-tifla taghhom u hu qatt ma talab ircevuta minghandha. Sad-data tad-depozizzjoni hija kien fadlilha tiehu l-ammont ta' hamest elef euro (€5000) minghand l-attur rapprezentanti l-arretrati tal-manteniment li ma kienx hallas qabel fethet il-proceduri hi u dan skont is-sentenza tal-Qorti tal-2018. Waqt id-depożizzjoni, l-intimata kkonfermat li bint il-partijiet kienet bdiet l-istudji taghha fil-qasam tas-sbuhija gewwa l-MCAST u ghalhekk l-ispejjez kienu zdiedu ghaliha peress li riedet tixtri l-prodotti li kellha bzonn it-tifla kollha hi.
In kontroeżami l-intimata specifikat illi l-minuri dejjem ghexet maghha. Fl-ewwel ghaxar snin ta' hajjitha, l-intimata kienet tahdem impjieg li gieli kien jirrikjedi sieghat ta' bil-lejl ghalhekk il-minuri kienet torqod ghand missierha u hi terga' tigborha mill-iskola l-gurnata ta' wara. Il-minuri kienet torqod ghand missierha meta kien jirrisjedi mas-siehba tieghu jew ghand in-nanna paterna u **dan kienet taghmlu ghal tlett iljieli fil-gimgha meta l-intimata kienet tkun xoghol ta' bil-lejl**. Kienet tlesti lit-tifla mix-xoghol tal-iskola, kienet tahsilha u tehodha kemm torqod ghand l-attur.

Sabiex tikkorrobora l-verżjoni taghha, l-intimata resqet is-segwenti provi:

1) *<u>Ix-xhieda ta' RPC Janet Cicala, in rappreżentanza tal-Ufficju tal-Ghassa ta' Haz-Zabbar</u>* li ngħatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar is-16 ta' Marzu 2023. Ix-xhud eżebixxiet tlett (3) rapport li jikkonsistu f'dawn li ġejjin:
    a. Rapport datat 8 ta' Frar 2019 (fol. 140) maghmul mill-intimata kontra l-attur li

permezz tieghu rraportat li ghax-xahar ta' Jannar 2019, l-attur ma kienx hallas l-ammont komplut tal-manteniment. L-attur kien gie ordnat mill-Qorti tal-Familja sabiex jibda jhallas l-ammont ta' tlett mija u hamsin euro (€350) iżda l-attur xorta wahda kien hallas biss l-ammont ta' mitejn euro (€200). Meta l-Pulizija tkelmu mal-attur huwa stqarr li kien hallas dan l-ammont fuq il-parir tal-avukat tieghu u li kienu ser jipprocedu b'rikors. Minkejja dan, il-Pulizija hargu akkuzi kontra l-attur.

b. Rapport datat 5 ta' Marzu 2019 (fol. 143) maghmul mill-intimata kontra l-attur li permezz tieghu rraportat illi ghax-xahar ta' Frar 2019, l-attur kien hallas l-ammont ta' mitejn euro (€200) minflok l-ammont ta' tlett mija u hamsin euro (€350) kif kien ordnat jaghmel mill-Qorti tal-Familja. Meta l-Pulizija kelmu lill-attur, huwa stqarr li kien biddel l-impjieg tieghu u issa kien jaqla' paga minima. Ghalhekk kien ser ikompli jghaddilha l-ammont ta' mitejn euro (€200).

c. Rapport datat 20 t'Ottubru 2019 (fol. 145) maghmul mill-intimata kontra l-attur li permezz tieghu hija rraportat li bejn Marzu u Settembru 2019, l-attur kien naqas milli jhallas l-ammont ta' manteniment fl-intier tieghu kif kien ordnat mill-Qorti iżda kien hallas biss l-ammont ta' mitejn euro (€200) u f'Gunju 2019 huwa kien naqas milli jhallas manteniment. L-attur gie mitkellem mill-Pulizija fejn reġa' qal li hu kien biddel l-impjieg tieghu u kien qieghed ihallas l-ammont ta' mitejn euro (€200) ghaliex skont hu dak l-ammont kien komdu jhallas.

2) <u>*Ix-xhieda ta' PC1357 Brandon Gilford in rappreżentanza ta' tal-Ufficju tal-Ghassa tar-Rahal Gdid*</u> li nghatat waqt is-seduta quddiem din il-Qorti ta' nhar is-16 ta' Marzu 2023. Ix-xhud eżebixxa rapport wiehed (1) datat 2 ta' Dicembru 2022 maghmul mill-intimata kontra l-attur li permezz tieghu rraportat li missier it-tifla taghha ossia JV kien ilu jivversa l-ammont ta' mitejn euro (€200) ghax-xhur ta' bejn Frar 2019 u Ottubru 2022 minflok l-ammont li kien ordnat jivversa minn din il-Qorti diversament preseduta.

**3)** <u>*Zewg messaggi li gew skambjati bejn il-partijiet nhar it-12 t'Ottubru sena mhux stabbilita*</u> (fol. 212). L-ewwel set ta' messaggi juru komuikazzjoni fejn l-intimata qed tghid lill-attur biex jindirizza l-kwistjoni li jkollu maghha mhux billi joqghod jghajjat mat-tifla u l-attur wiegeb li l-minuri kienet bin-nervi u ma ridetx tghidlu ghaliex. Fit-tieni sett ta' messaggi (fol. 213) l-intimata tghid lill-attur li kienet xebghet thallas wahedha ghall-minuri u li kienet ilha taghmel dan ghal disa' snin u avzatu li jekk ma kienx ser jhallas kienu se jidhlu l-Qorti. **Ghal dan l-attur wiegeb illi kien jaf li kienet tixtrilha kollox l-intimata.**

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attur sabiex din il-Qorti tirrivedi l-ammont ta' manteniment li hu gie ordnat ihallas mill-istess Qorti diversament preseduta fis-sentenza datata 12 ta' Dicembru 2018. L-intimat ma ntavola ebda appell mis-sentenza tal-Qorti fuq indikata fit-terminu previst mil-ligi.

**Principji legali saljenti ghal kaz odjern**

**Manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt***

***trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taħt trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra f'isimha** proprja u bhala kuratrici ad litem ghal bintha minuri deciza **nhar it-13 ta' Lulju 2001 (Cit Nru 1380/97) fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet kif gej:**

> ***Inoltre waqt li wiehed jifhem li "l-esigenzi" kienu jirrigwardaw u jikkoncernaw biss in-nukliju familjari milqut mill-kuntratt ta' separazzjoni u tal-ebda relazzjoni extra-maritali li l-attur joghgbu, kif jidher provat, li jistabbilixxi, ghandu wkoll ikun car illi l-frazi "l-impjieg jintemm" kienet tirreferi ghal cirkustanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' tal-kontraenti. Altrimenti jkun facli u inikwu illi parti wahda mill-kontraenti, b'azzjoni unlaterali bla gustifikazzjoni, tbiddel ic-cirkustanzi li fihom u dwarhom ikun intlahaq ftehim dwar il-manteniment u l-quantum dovut.***
>
> […]
>
> ***Din il-Qorti ttemm tghid biss illi hu prevedibbli, ghax bhala regola hekk jigri u jsir illi min ikun fis-sitwazzjoni li gab ruhu fiha l-attur appellant jibda jilmenta mill-piz tal-manteniment ghall-familja regolari tieghu ghax isib ruhu ma jistax ilahhaq mal-ispejjez li tkun qed timportalu r-relazzjoni rregolari tieghu. Naturalment pero' filwaqt li kulhadd hu liberu li jaghzel kif jirregola hajtu dan ma setax jaghmlu a skapitu tar-responsabbilitajiet li wiehed kellu versu dawk li skond il-ligi kienu jiddependu minnu.***
>
> […]
>
> ***r-retta alimentari kellha tigi determinata fuq dak li l-attur obbligat kien kapaci jaqla' f'xoghol utili f'Malta skond il-professjoni jew sengha tieghu.***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghar-riduzzjoni ta' manteniment kif ordnat permezz ta' sentenza li ghaddiet in gudikat u dan wara li l-istess attur la ha sehem attiv f'dik il-kawza sabiex jikkawtela l-interess tieghu stante li hu kien fi stat ta' kontumacja, la ttentat jiggustifika l-istat tieghu ta' kontumacja aktar tard fil-proceduri u lanqas ntavola appell mill-istess sentenza. L-attur jghid illi ma kellux flus biex jaghmel dan. Il-Qorti tqis li din ir-raguni mhiex wahda verosimili, dana il-ghaliex il-Legislatur Malti pprovda li ghal minn verament ma jkollux mezzi, dan jinghata rapprezentanza quddiem kwalunkwe Qorti minghajr hlas permezz tal-Ufficju tal-Avukati tal-Ghajnuna Legali.

Din il-Qorti rat illi qabel ma ghaddiet ghas-sentenza taghha datata it-12 ta' Dicembru 2018, il-Qorti diversament preseduta kienet ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

a) Illi l-istat ta' kontumacja kellha titqies bhala kontestazzjoni u ghalhekk il-Qorti kellha r-responsabbilta' li tara li dak li l-attrici kienet qed tallega kellu jigi pruvat.
b) Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-missier ma nnegax li hu qatt ma kien ghadda flus lill-omm izda rrefera biss ghas-sostenn li kien ta matul is-snin billi l-minuri kienet torqod ghandu.
c) Anke jekk ma kienx sostenn finanzjarju, matul is-snin, il-missier xorta ta sostenn fit-trobbija u li l-omm ma kienet tat l-ebda raguni ghalfejn kienet bdiet il-proceduri wara daqstant snin.
d) **Il-Qorti kienet ordnat illi l-arretrati tal-manteniment jigu kkalkolati fuq l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar, ghas-snin ta' qabel il-proceduri ntavolati mill-omm u dan l-ammont kellu jinkludi sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;**
e) Meta giet biex tikkwantifika l-*quantum* tal-manteniment mid-data tal-proceduri 'l quddiem, il-Qorti kienet rat li matul is-snin l-missier kien zamm lura milli jikkontribwixxi finanzjarjament u ghalhekk sabiex ma tirrepetix ruha dik is-sitwazzjoni, kienet ordnat illi sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri kellu jigi aggunt mal-manteniment.

Inoltre din il-Qorti fliet l-atti u l-provi pprezentati fil-proceduri odjerni u tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Din il-Qorti tibda biex tiddikjara li l-verzjonijiet tal-partijiet huma **dijatrikament opposti**. L-attur jghid illi fl-ewwel ghaxar snin ta' hajjitha, kien hu u familtu li rabbew lill-minuri bint il-partijiet. **Madanakollu la ressaq ircevuta wahda ghaliex skont hu qatt ma zamm ircevuti, u lanqas xhieda li kkonfermaw din id-dikjarazzjoni tal-attur.** La ressaq lill-ommu u missieru li jghidu li kienu jwasslu u jiehdu hsieb lill-minuri u lanqas ressaq xhieda ohra li kkonfermaw mqar parti minn din l-allegazzjoni. Lanqas issostanzjalizza d-dikjarazzjoni tieghu b'dettalji li minnhom din il-Qorti kienet tkun tista' forsi tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tieghu bhal ghand minn kien jehodha ghal kura medika taghha jew f'hiex kienu jikkonsistu l-ispejjez tal-iskola. Ghall-kuntrarju, fil-kontroezami tieghu tqajjem dubju fuq it-tul li l-istess attur ghamel ma jarax lill-bintu wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Min-naha l-ohra, l-intimata ssostni li lill-bint il-partijiet dejjem rabbietha wahedha. Din il-verzjoni hija sostanzjalizzatha mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta li kellha l-opportunita' tevalwa l-provi li ngiebu quddiemha mill-intimata fil-mori ta' dawk il-proceduri. Din il-Qorti giet ipprezentata wkoll b'messaggi skambjati bejn il-partijiet li fihom l-intimata kienet qalet lill-JV li kienet xebghet bis-sitwazzjoni li kellhom ghall-ahhar Y snin fejn hu ma kien hallas xejn, **u fejn JV wiegeb li kien jaf li kienet thallas kollox hi. Ghalhekk din il-provi tikkuntradixxi b'mod car it-testimonjanza tal-attur. Maghduda flimkien dawn il-fatturi, din il-Qorti tqis il-verzjoni tal-intimata bhala wahda l-aktar verosimili.**

Din il-Qorti tara wkoll ir-riluttanza tal-attur sabiex ma jtejjibx l-introjtu tieghu. La fittex li jaghmel sahra fil-post kurrenti tax-xoghol tieghu minkejja li jispicca kuljum fit-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (3.30pm) u lanqas fittex li jaghmel xoghol *part-time* iehor minkejja li jghid li mhux ilahhaq mal-ispejjez tieghu u qed ikollha tghinu ommu. B'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fit-13 ta' Lulju 2001 hawn fuq citata, din il-Qorti tqis illi l-attur kapaci jaqla' hafna aktar bi ftit hegga, izda l-attur qed jaghzel li ma jaghmilx dan ghaliex dan hu aktar konvenjenti ghalih.

Min-naha l-ohra din il-Qorti tqis li l-ispejjez tal-minuri komplew zdiedu u mhux jonqsu maz-zmien u li l-missier lanqas ghamel xi tip ta' sforz illi jerfa' mqar parti minn dawn l-ispejjez matul ix-xhur u s-snin wara li nghatat is-sentenza li biha gie ordnat ihallas tlett mija u hamsin euro (€350) fix-xahar. Ghalhekk huwa car ghal din il-Qorti illi l-attur dahhal f'mohhu b'mod l-aktar unilaterali li jhallas biss mitejn euro (€200) ghal minuri bintu fix-xahar u b'pika ghamja baqa' ghaddej ihallas hekk minkejja l-ordni specifika tal-Qorti. Din il-Qorti tqis illi kemm-il darba tilqa' t-talba tal-attur, tkun qieghed taghti l-barka li kull min jaghzel li jivjola decizjoni tal-Qorti ghaliex jahseb li ebda ligi u ebda sentenza ma tghodd ghalih.

Din il-Qorti tqis li l-artikolu 20 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem fuq mezzi tal-genitur li jrid ihallas u mhux l-introjtu. Ma ngiebu l-ebda provi li l-attur m'ghandux mezzi ohra ghajr ghall-introjtu tieghu li ma jistax ihallas bihom. La ngiebu rendikonti tal-kontijiet bankarji, lanqas ricerki dwar l-assi immobbli jew mobbli tal-attur. Ghalhekk, la darba din il-Qorti trid tiddeciedi b'din l-iskarsita' fil-provi mressqa, m'ghandhix il-konfort mehtieg li l-attur jrid jiddependi biss fuq l-introjtu tieghu sabiex ihallas il-manteniment. L-attur jghid illi qieghed ibati biex ikampa mal-ispejjez u li tghinu **ommu izda din id-dikjarazzjoni ma giet kkorroborata bl-ebda mod,** specjalment meta l-attur qieghed jippretendi li din il-Qorti takkolji dak mitlub minnu.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti taghmel referenza ghall- gustifikazzjoni tal-attur li jhallas biss mitejn euro (€200) fix-xahar sabiex ma johloqx diskrepanza bejn uliedu. Din il-Qorti ma tistax tqis dan ir-ragunament bhala validu. Fl-ewwel lok, il-ligi nostrana tispecifika li l-manteniment jigi ffissat tenut kont tal-mezzi ta' min irid ihallas kif ukoll il-bzonnijiet tal-minuri li ghalih ikun qed jithallas. Ghaldaqstant, il-bzonnijiet ta' bint l-attur mhumiex necessarjament l-istess bhal dawk ta' ibnu u dan il-fattur biss jista' jiggustifika differenza fl-ammont tal-manteniment dovut. Fit-tieni lok, l-ammont ta' mitejn euro (€200) ghal bzonnijiet ta' ibnu gie ffissat bi ftehim bejn l-attur u omm ibnu minghajr ma sar ebda ezercizzju kif titlob il-ligi u kif dejjem taghmel din il-Qorti meta tigi biex tqis u tiddeciedi talba fuq il-*quantum* tal-manteniment. *Di piu'* omm iben l-attur

**xehdet permezz tal-affidavit taghha illi oltre ghal manteniment, l-attur ihallas sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u kien hemm drabi meta ma kienitx qed tahdem li hallas l-ispejjez kollha hu.** L-attur ma mexxiex b'dan il-mod fir-rigward ta' bintu u ghalhekk jekk irid li l-manteniment ikun ffissat fl-istess ammont, kien jaghmel tajjeb kieku mexa bl-istess modalita' u bhal ma hallas l-ispejjez ta' ibnu, hallas l-ispejjez ukoll ta' bintu. Li kieku il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur, tkun qed tohloq zbilanc bejn l-ulied ghal kuntrarju li jghid l-attur – sitwazzjoni li zgur li din il-Qorti ma tistax tippermetti.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimata u tichad it-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors promotur tieghu.**

**L-ispejjes kollha tal-kawza jithallsu mill-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**